MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2006

Numru. 856/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**JOSEPH ATTARD bin George u Mary nee' Caruana, imwieled fis-sitta w ghoxrin ta' Dicembru 1944 u residenti 44, Triq il-Karita, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 345G.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JOSEPH ATTARD** bin George u Mary nee' Caruana, imwieled fis-sitta w ghoxrin ta' Dicembru 1944 u residenti 44, Triq il-Karita, Rabat, Ghawdex,

detentur tal-karta tal-identita numru 345G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli meta kien imharrek mic-Chairperson ta' l-Awtorita' Nazzjonali tax-Xoghol bix jidher quddiem l-istess Awtorita' nhar l-Erbgha l-ewwel ta' Dcembru 2004 u nhar it-Tnejn, wiehed w ghoxrin ta' Marzu 2005, naqas li jidher kif mitlub.

Semghet ir-rapprezentant tan-National Employment Authority jixhed u jghid li hu baghat zewg ittri registrati li gew murija lill-Qorti bin-notifika registrata taghhom lill-imputat ghas-seduti tal-ewwel [1] ta' Dicembru, 2004 u tat-tlieta w ghoxrin [23] ta' Marzu, 2005 u li ghal dawn iz-zewg seduti l-imputat ma deherx ghalkemm kien notifikat.

Semghet lill-imputat jghid li jiftakar li hu kien gie notifikat ghal seduta wahda u meta mar xi hadd qallu li s-seduta ma kinietx ser issir, u dwar is-seduta l-ohra ma ftakar xejn. L-imputat ikkonferma li l-firem fuq il-pink cards tal-posta dwar l-ittri li kien ircieva mid-dipartiment tan-National Employment Authority kienu tieghu.

**Il-Qorti rat l-artikolu 4(d) u 51 tal-Ad XXVIII tal-1990 u wara li semghet il-provi kollha migjuba tiddeciedi li ssib lill-imputat JOSEPH ATTARD hati tal-akkuza u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tletin lira Maltin (Lm30).**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------